# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 1344

**KAZ NRU : 1526**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol**
**bejn**

**Mary Borg**
**u**
**Capua Palace Limited**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

**Illum : 24 ta' Ottubru, 2002.**

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino.**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 23 ta' April, 2001 b'riferenza MSP/TI/25/2001 biex jigi deciz skond il-ligi.

Bid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, l-kumpannija ntimata ddikjarat li t-terminazzjoni ta' l-impieg sar wara riorganizzazzjoni tal-management u bi b'hekk il-post ta' l-appellanti gie mnehhi; ghalhekk il-kaz ma kienx jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, l-appellanti sostniet li fil-bidu tas-sena 2001 bdiet tinnota bidla fl-attitudini tad-Direttur li anke heddidha bi tmiem ta' l-impieg, sew bil-fomm kif ukoll bil-kitba; qalet li kien gie mwaqqaf "Board" fuq issue interna fuq tlett impjegati, li hafna impjegati gew interrogati mentri hi le, imma mbaghad interrogawha biss avukat u tabib li kienu membru u Chairman tal-Board; li fit-30 ta' Marzu, 2001 id-Direttur infurmaha li l-impieg taghha kien qed jigi mwaqqaf peress li l-konkluzjoni tar-rapport tal-Board uriet nuqqas ta' kontrol fix-xoghol taghha izda fl-istess laqgha mbaghad id-Direttur ghaddielha ittra ta' tmiem l-impieg li tghid li kien hemm htiega ta' restructuring li jwassal ghal abolition tal-post.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-appellanti ukoll dahlet fl-istorja ta' l-impieg taghha, fit-tmexxija ta' l-isptar fl-ewwel snin u fuq il-metodu ta' restructuring – affarijiet xejn rilevanti dwar jekk dak ir-restructuring kienx genwin jew paraventu biex titkecca facilment.

Fil-bidu tas-smiegh Dr. Borg Cardona ghall-kumpanija intimata sostna li t-tmiem ta' l-impieg sehh a bazi ta' redundancy u li l-provi tieghu kienu sejrin ikunu f'dan ir-rigward – dan kien preciz kif kien intqal fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu.

Dr. Zammit ghall-appellanti ma oggezzjonax u t-Tribunal ghamilha cara diversi drabi li s-smiegh kien esklusivament fuq redundancy jew jekk ir-redundancy kienitx genwina.

**Konsiderazzjoni.**

Fl-1 ta' Frar 2001 l-appellanti kienet nghatat twissija kemm bil-miktub u anke informali biex tieghu passi biex terga tieghu f'idejha l-kontroll tal-funzjonijiet taghha u li, fin-nuqqas, il-management ma kienx jibqalu triq hliex li jtemm l-impieg taghha; nghatat sitt gimgha biex taghmel hekk u wara ssir evaluazzjoni ohra.

Jinghad ukoll li kien hemm diversi ittri informali, tibdil fil-Job Description taghha li juru li kien hemm thassib fuq kif kien qed jitmexxa l-isptar minnha.

Meta rceva informazzjoni sensitiva u nkwetanti dwar kura (nursing) u fuq certi membri tan-Nursing Staff, id-Direttur ta' Capua Hospital hass id-dover li jippunta Fact Finding Commission; gie appuntat bhala Chairman Dr. Dennis soler M.D.,M.S.C.,F.R.C.G.P. (London) u bhala membri gew appuntatti Dr. Borg Cardona, l-Acting Deputy Matron, il-Head of Radiology, Head of Physiotherapy u Head of Pharmacy.

It-Terms of Reference kienu: -

1. Determining the present functions and activities of a number of nurses in nursing wards, especially Sister Dorothy Scicluna, Nurse Rebecca Cachia Fearne and Nurse Eric Grech.
2. Determine whether the activities, nursing or otherwise of this group of 3 has resulted in any problem which could have disturbed the smooth running of the nursing service, prejudicing patient care.
3. Determine whether Matron Mary Borg was aware of these practices and what measures, if any, she took to restore order and discipline to safeguard patient care.
4. Determine the standard of nursing care and how these impinge on patient safety.
5. Determine accountability/responsibility for shortcomings, if any, identified in management systems and patient care.
6. Report on any other matter as the Commission deems fit.

Il-Kummissjoni rrapurtat il-findings taghha dwar in-Nursing Staff u mir-rapport hareg ukoll li l-Matron (l-appellanti) kienet taf x'kienu qed jaghmlu dawk in-nies u forsi anke ghalqet ghajnejha u li certi "practices" kienu ilhom siru bla xi inizzjattiva tal-Matron.

Il-Kummissjoni ma hassetx in-necessita li tinterroga lill-Matron jew hasset li mhabba il-Grad taghha kien ahjar li tiddelega u rrakkomandat li jkellmuha Dr. Soler u Dr. Borg Cardona biex imbaghad il-Management jkun jista' jikkunsidra jekk ghandu jirrevedi l-posizzjoni taghha fl-isptar.

Irrizulta mix-xhieda ta' Dr. Soler li ma setghax jaccetta li n-nuqqasijiet li sab kienu ilhom ghaddejjin zmien twil u li l-appellanti bhala Matron ma kinetx hadet passi; li l-funzjoni ta' Matron ma kenitx qed taghti r-rizultati mehtiega u li fl-opinjoni tieghu l-istruttura piramidjali li kien hemm kellha titbiddel f'wahda b'bazi catta. Qal ukoll li jekk awtorita' li suppost izzomm id-dixxiplina u taghti leadership u dan ma jsirx, ahjar li allura ma jkunx hemm dik l-awtorita'.

Ikun utli li jinghad hawn li l-appellanti ghazlet li taghti x-xhieda taghha b'dikjarazzjoni guramentata. Waqt li ma hemm ebda dubbju li t-tlett parametri tal-gurament (is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn aktar mis-sewwa) gew osservati jigri li f'tali kaz il-gudikant ma ghandux l-opportunita li jara l-isfumaturi li johorgu meta jisma' xhieda viva voce.

Gara pero' li l-appellanti telghet tixhed fuq xi inesattezzi ta' xhud taghha u, out of

context u bla edba mistoqsija, qalet li hi kienet sejra tieghu l-leave u li qalet lil ta' tahtha li kellha tiehu hsieb fl-assenza taghha, din irrifjutat u meta d-Direttur qalla zzomm dixxiplina regghet qaltilha tidhol minfloka, din regghet irrifjutat u allura hi iddecidiet li ma tiehux leave.

Jinghad ukoll li x-xhieda prodotti miz-zewg partijiet ftit li xejn ziedu dawl fuq dak li rrizulta mid-dokumenti ezibiti li fil-generalita' ikkonferma li x-xoghol li kienet taghmel il-Matron kien qed jitqassam fuq diversi persuni.

Mehuda in konsiderazzjoni l-fatti u dokumenti ezibiti dan it-Tribunal mhux sodisfatt li d-decizjoni tal-management li taghmel restructuring ma kinetx affettwata minn nuqqasijiet li kienu qed jinhassu li kellha l-Matron u ghalhekk it-tezi ta' redundancy mhux qeda tigi accettata u allura t-terminazzjoni ta' l-impieg qed jigi kkunsidrat ingust u dan semplicement ghax ma gietx ippruvata unika l-htiega ta' restructuring.

Bl-istess konsiderazzjoni flok re-instatement qed jigi fissat kumpens ta' Lm5,000.

B'hekk tintemm din it-tilwima.

MAURICE PETROCOCHINO
CHAIRMAN